**MINUTI LAQGHA NUMRU 13**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Hamis, 6 ta' Marzu, 2025.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Hamis, 6 ta' Marzu, 2025, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Noel Mizzi – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

ASSENTI:
Rene Abela – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Manolita Manicaro – Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 13.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

13.1.1 Ġiet komunikata l-apoloġija tal-Kunsillier Rene Abela. Il-Kunsill ha nota tagħha.

## 13.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

13.2.1 Il-minuti ta' laqgħat numru 11 u 12 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Ġew approvati unanimament.

## 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

13.3.1 Is-Sindku Paul Buttigieg beda il-laqgħa billi irringrazzja lil Aġent Deputat illi aċċettat il-kariga sabiex il-kunsill jkompli miexi.

13.3.2 Huwa beda jinforma lil Kunsilliera dwar il-kors tal-pilates li huwa suċċess u qed jattendu madwar għoxrin persuna. Kors ieħor illi qed isir huwa tal-mużajk li sar popolari mar-residenti. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll illi kull nhar ta' Ġimgħa fil-librerija tal-lokalita' qed jiġu organizzati programmi ta' qari ta' stejjer b'mod interessanti immirati lejn tfal ta' bejn ftit xhur u 7 snin flimkien mal-ġenituri. Dawn qed isiru f'żewġ sezzjonijiet separati.

13.3.3 Rigward xogħolijiet tal-Kunsill, is-Sindku informa lil Kunsill illi beda x-xogħol fuq it-toilets u miexi b`ritmu tajjeb. S'issa sar ix-xogħol fuq il-madum ġdid u li ġie jiswa madwar €900 aktar mit-tender oriġinali. Apparti minn dan ix-xogħol hemm bżonn li isir aktar xogħol li ma kienx fit-tender, bħal brix tal-faċċati mill-ġdid u passata sealer, bieb tal-ħadid għall-kamra li tista' tintuża store, coving mas-soqfa, żebgħa u sprenjar tat-tlett bibien ta' barra.

Il-Kunsill ġab tlett kwotazzjonijiet għall kull biċċa xogħol.

Xogħolijiet oħra li mhux inklużi fit-tender huma żewġ bozoz, waħda fuq kull bieb li jixgħelu bit-timer, żewġ mirja waħda f`kull toilet u żewġ cameras għas-sigurta ta' min jidħol fit-toilets. Dan ix-xogħol isir wara li ngħadduha lil kummissarju tad-*data protection* għas-suġġerimenti u għall-approvazzjoni tiegħu.

Max-xogħol tal-latrina, il-Kunsill għamel wkoll żewġ gutters fejn kull bieb ta' barra, inkrew *portable toilets* li poġġejnihom fil-pjazzetta bil-permess tal-Arcipriet u tmexxa l-meter tad-dawl u tal-ilma għall-kamra oħra minħabba raġuni ta' sigurta'. Dawn ix-xogħolijiet li jammontaw għall-€800 tħallsu kollha mill-Ministeru għall-Għawdex u l-Ippjanar, li il-Kunsill jixtieq jirringrazzja. Is-Sindku informa ukoll lil Kunsill illi waqt ir-*refurbishment* tal-latrina pubblika, kien hemm il-ħsieb illi isiru tankijiet fuq il-bejt, pero' il-Kunsill ġie infurmat illi huwa propjeta' ta' terzi allura dan ix-xogħol ma jistax isir.

13.3.4 Is-Sindku informa lil Kunsill illi il-proġett intemm, minkejja il-ħafna intoppi li inqalgħu waqt ix-xogħol tal-proġett tal-*pedestrian crossing* ta' Triq l-Imġarr, illi sar skond il-permessi u id-direzzjonijiet li ħarġu *Transport Malta*.

13.3.5 Fuq nota oħra, is-Sindku informa lil Kunsill illi minħabba l-ilmijiet tax-xita, kien hemm diversi ħitan tas-sejjieh illi waqgħu. Ix-xogħol ta' bini ta' dawn il-ħitan ser isir mid-Dipartiment tal-Manutenzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Għawdex u l-Ippjanar.

13.3.6 Proġett ieħor illi is-Sindku informa dwaru lil Kunsill huwa tal-*upgrade tar-roundabouts*. Kienu ħarġu it-*tenders* biex isir dan il-proġett li kien diġa' approvat mill-Kunsill pero' ħadd ma wera interess.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

13.3.7 Proġett li ġie diskuss ukoll kien taż-żona tal-Kunċizzjoni li jiswa' aktar minn €330,000. Dan ilu isir xogħol fuqu għal diversi snin, pero' jonqos l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ikun hemm il-fondi. Il-maġġior parti tal-fondi ser ikunu mill-UIF funds u ser jibqa' xi €60,000 li huma diġa' fil-*budget* 2024 tal-Kunsill. Is-Segretarja Eżekuttiva ta' qabel kienet iċċirkolat *email* li ġiet approvata mil-maġġoranza tal-Kunsill.

13.3.8 Is-Sindku informa lil Kunsill illi hemm bżonn li isir xi xogħol ta' *sand blasting* fuq *bollards* sabiex jitpoġġew fuq il-belvedere u madwar ir-raħal skond il-bżonn. L-ispiża ser tkun ta' €50. Il-Kunsill qabel illi isir dan ix-xogħol.

13.3.9 Il-Kunsill ġie mgħarraf illi il-fanali tal-Pjazza huma lesti wara li sar xogħol ta' *sand blasting*, *wiring* ta' dawl ġdid, żebgħa, tibdil tal-*holders*, globi ġodda u brackets. B'hekk il-proġett tal-Pjazza huwa komplut u jista' jiġi imgawdi mir-residenti illi qed jagħtu kummenti posittivi immens.

13.3.10 Is-Sindku informa lil Kunsill illi peress li il-fondi ta' madwar €40,000 għall-proġett ta' Ġnien il-Familja ma humiex biżżejjed, is-Sindku u il-Viċi-Sindku attendew laqgħa mal-Ministeru għall-Għawdex u l-Ippjanar fejn ġew imwegħda il-finanzjament tad-differenza tal-fondi. Is-Sindku ippreżenta il-pjanti li ġew ippreparati mill-Perit tal-Kunsill u wara li ġew diskussi, dawn ġew approvati unanimament b'xi alterazzjonijiet żgħar.

13.3.11 Is-Sindku ressaq ukoll il-pjanti mill-Perit tal-Kunsill rigward il-Ġnien Maġistrat Salvu Attard għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament u b'hekk il-Perit jista' jissottomettihom lil *Planning Authority.*

13.3.12 Peress li hemm nuqqas ta' ħaddiema fil-Kunsill, is-Sindku ippropona illi jinstab ħaddiem sabiex isuq il-van tal-komunita'. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll illi ħaddiem partikulari ser ikun għall-żmien ta' vaganza bejn April u Mejju u allura hemm bżonn ta' ħaddiem ieħor biex jagħmel ix-xogħol tiegħu għall-frattemp.

13.3.13 Bi pjaċir illi intgħażlet il-Qala, is-Sindku inform lil Kunsill illi għat-tnedija tar-Reġjun ta' Kultura 2025, fl-ewwel ta' Frar ġiet organizzata serata fil-knisja tal-Kunċizzjoni dwar San Kerrew. Dan kien kollu iffinanzjat mir-Reġjun t`Għawdex.

13.3.14 Il-Kunsill ġie infurmat illi saret ħarġa ftit qabel San Valentinu u kien hemm konkorrenza tajba ferm. Għall-Marzu, minflok ħarġa b'tombla u ikla ġie issuġerit li issir ħarġa kulturali Għawdex stess. Suġġeriment ieħor kien li għal-vaganzi tal-Għid tiġi organizzata ħarġa għall-Malta. Il-Kunsill qabel ma dawn l-attivitajiet.

13.3.15 Is-Sindku informa ukoll lil Kunsill illi kittieb Għawdxi għadu kemm ippublika ktieb fejn issemmiet il-Qala. Ġie magħqbul illi il-Kunsill jixtri tlett kotba.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

13.3.16 Il-Kunsill ġie infurmat illi irċieva r-rapport dwar it-Tuna Farm li tlesta. Il-Kunsill qabel unanimament illi dan ir-rapport jiġi mgħoddi lil Dr. Deidun sabiex tingħata l-opinjoni professjonali tiegħu.

13.3.17 Fil-laqgħat mgħoddija kien ġie diskuss il-bżonn illi isir xi xogħol ta' immodernizzar fl-uffiċini tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta il-proposta tas-Sindku illi jitqabbad il-Perit sabiex jibda' il-proċess biex jagħti l-opinjoni tiegħu kemm għall-ġewwa kif ukoll għall-barra. Il-Kunsill iddiskuta' u ġie deċiż illi issir il-manutenzjoni meħtieġa, pero' fejn il-ħajt huwa fuq il-fil, dan għandu jibqa' hekk.

13.3.18 Il-Kunsill ġie mgħarraf illi l-applikazzjoni ma ġietx milqugħa biex titwaqqa u terġa' tinbena il-kamra tas-sejjiegħ li hemm biswit il-knisja tal-Madonna tal-Blat. Is-Sindku għarraf lil Kunsill illi hu personalment kien attenda laqgħa tal-bord fejn ta preżentazzjoni. Il-bord talab pjanti ġodda skond it-talba tal-*case officer*, illi huwa ta' l-istess fehma bħall-Kunsill, illi ma tiġix mittiefsa, apparti tiġi irranġata.

13.3.19 Is-Sindku iddiskuta il-Karnival fil-Qala illi b'xorti ħażina kellu jitħassar minħabba il-maltemp. Kien hemm koperazzjoni bejn il-Ministeru għal-Għawdex u l-Ippjanar, illi ħallas l-ispiża ta' madwar €10,000 għal din l-attivita', l-uffiċċju meterjoloġiku u anke l-għaqdiet taż-żfin sabiex tittieħed id-deċiżjoni li l-attivita' tiġi imħassra. Peress illi il-gruppi kienu impenjati f'attivitajiet oħra ma setax jiġi pospost. Il-Kunsill qabel unanimament illi il-momentos illi diġa qegħdin għand il-Kunsill jitqassmu lil min kien ser jieħu sehem fil-kompetizzjonijiet xorta waħda peress illi hemm biżżejjed għall-parteċipanti kollha.

13.3.20 Is-Sindku iddiskuta mal-Kunsill rigward il-Festival tal-Folk, peress illi wera' ix-xewqa illi jinbidel il-format, pero' il-Kunsill ma' qabilx unanimament u iddeċidew illi jerġaw jiddiskutu il-Festival fl-laqgħat oħra.

Huwa tenna' illi jixtieq li issir xi tip ta' lejla Għawdxija bħal ma kien sar fuq il-belveder kif ukoll isiru xi attivatijiet ohra specjalment qrib il-festa u fis-Sajf. Is-Sindku informa lil Kunsill illi hu u il-Viċi Sindku ser jiltaqghu ma uffiċjal tal-Ministeru għall-Għawdex u l-Ippjanar ħalli jgħaddulu il-proposti li jkun hemm bħala Kunsill. Is-Sindku enfasizza illi huwa important li f'dawn l-attivitajiet il-Kunsill jaħdem b'koperazzjoni ma l-għaqdiet Qalin kollha bħal ma sar fl-event tal-Milied peress illi kienet ta' suċċess kbir.

Il-Kunsilliera Valerie daħħlet għal-laqgħa fil-18:05

## 13.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

13.4.1 Il-Kunsilliera Cassar Mejlak saqsiet dwar ix-xogħolijiet fit-Toroq Cawl u Hondoq. Is-Sindku infurmaha illi it-tender ta' Triq Hondoq ħareġ it-tender u it-tender ta' Triq Cawl



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

hemm bżonn illi isir mil-Ministeru għal-Għawdex u l-Ippjanar peress li it-triq trid issir mil-qiegħ u mhux xogħol ta' tarmac biss. Il-Vici-Sindku infurmaha illi ix-xogħol ta' Triq Hondoq għandu jispiċċa qabel l-istaġun tas-Sajf.

13.4.2 Il-Kunsilliera Cassar Mejlak saqsiet dwar il-monument ta' quddiem l-iskola. Is-Sindku infurmaha li qed jieħu ħsieb ix-xogħolijiet ta' dan il-proġett huwa stess. Dan għandu jerġa' jinħatt u jinbena fuq skala ferm iżgħar, skond kif kien miftiehem f'laqgħat preċedenti.

13.4.3 Il-Kunsilliera Cassar Mejlak saqsiet dwar is-signs bl-ismijiet tat-toroq. L-Agent Deputat Segretarja Eżekuttiv infurmatha illi is-signs qegħdin fl-uffiċini tal-Kunsill u jitwaħħlu fiż-żmien qarib.

13.4.4 Il-Kunsilliera Cassar Mejlak saqsiet dwar il-budget 2025 u il-quotation tal-Accountant. L-Agent Deputat Segretarja Ezekuttiv infurmatha illi dan ix-xogħol ser isir. Jekk mhux fiż-żmien qasir ta' ħatra tagħha, ikun xogħol tas-Segretarja/u Eżekuttiv il-ġdid.

13.4.5 Il-Kunsilliera Cassar Mejlak saqsiet dwar xi xogħolijiet ta' manutenzjoni ta' bankini. Is-Sindku infurmaha li membrane hemm u xogħolijiet saru.

13.4.6 Il-Kunsilliera Cassar Mejlak ipproponiet Easter Fest, fejn is-Sindku qal li ser isir mill-Ministeru għall-Għawdex u l-Ippjanar.

## 13.5 Riżoluzjonijiet 01/2025, 02/2025, 03/2025

13.5.1 Ir-Riżoluzzjonijiet ġew moqrija u magħqbula unanimament.

## 13.6 Proġetti u xogħolijiet

13.6.1 Din il-materja diġa ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa.

## 13.7 Hruġ u għoti ta' Offerti

13.7.1 Din il-materja diġa ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 13.8 Materji Amministrattivi

13.8.1 Il-laħmijiet li kienu diġà tqattgħu għall-Kukkanja ġew mogħtija lil Arka Foundation flokk ma ġew mormija. Il-ġobon reġgħa treġġa lura għand tal-ħanut u ingħatajna credit note tiegħu. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-materja.

13.8.2 Saru ix-xogħolijiet ta' brix u żebgħa urġenti fil-latrina skond il-Public Procurement Regulations Art. 100(1). Il-Kunsill ħa nota ta' din il-materja.

13.8.3 Bdejna bix-xogħol tal-Audit 2024. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-materja.

13.8.4 Hemm bżonn li jinġabru quotations għall-Street Signs peress li l-Intervention Unit tal-MGP avżana li hemm xi tabelli fil-bżonn ta' tibdil. Il-Kunsill qabel ma l-orħos quotation.

13.8.5 Il-Kunsill ġie mgħarraf illi kien hemm bżonn li jinġabru quotations għal xogħolijiet oħra fil-latrina bħal bieb galvanizzat, coving u xogħol fuq il-faċċata, mirja u CCTV cameras. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma dan ix-xoghol. Ix-xogholijiet imsemmija hawn jiġu kwalifikati taħt spejjez ta' manutenzjoni u separati mit-tender. L-orħos quotations ġew approvati għax-xogħolijiet.

13.8.6 Il-Kunsill ġie mgħarraf illi hemm bżonn jiddeċiedi rigward ingaġġ ta' Accountant tal-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda illi jitlob quotations għall-dan ix-xogħol.

13.8.7 Il-Kunsill iddiskuta il-Proġett tas-Salib u li hemm madwar €65,000 fil-budget tal-2024. Il-Kunsill ha vot u qabel unanimament li joħroġ it-tender għall-dan il-proġett kif ukoll li iżomm dawn il-flus fil-budget li imiss.

13.8.8 Logbook tat-truck tal-Kunsill. Il-Kunsill approva u ħa nota ta' din il-materja.

## 13.9 Korrispondienza u Ilmenti

13.9.1 Email mid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jgħarraf lil Kunsill illi is-sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv ġdid ser issir din il-ġimgħa stess u ukoll illi il-proċess ta' l-ingaġġ mhux suppost jieħu tul ta' żmien. Il-Kunsill ħa nota tal-korrispondenza.

13.9.2 Email mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jgħarraf lil Kunsilli dwar pakkett ta' skemi;

SPI.SCI.02.2025 – għall-attivitajiet kulturali annwali 2025. Il-Kunsill qabel li japplika għal din l-iskema għall-Lejla Għawdxija u jiffinanzja id-differenza tal-ispejjeż.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

SPI.SCI.03.3035 - Lokalitajiet aktar nodfa 2025. Attivitajiet tat-tindif iridu isiru bejn l-1 u 30 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li japplika għal din l-iskema u jiffinanzja id-differenza tal-ispejjeż.

SPI.SCI.04.2025 - Milied 2025. Il-Kunsill qabel li japplika għal din l-iskema u jiffinanzja id-differenza tal-ispejjeż.

13.9.3 Email mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jinfurmaw lil Kunsill illi id-dati tal-għeluq tas-sottomissjonijiet tal-iskemi

SPI.SCI.02.2025 ser jiġu estiżi. Attivitajiet proposti li isiru bejn 1 ta' Ġunju 2025 u 31 ta' Lulju 2025. Il-Kunsill ħa nota tal-korrispondenza.

13.9.4 Email mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jinforma lil Kunsill dwar pakkett ta' skemi:

SPI.SCI.05.2025 – Finanzjament Karnival 2026 Il-Kunsill qabel li japplika għal din l-iskema u jiffinanzja id-differenza tal-ispejjeż.

SPI.SCI.06.2025- Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri. Il-Kunsill qabel li japplika għal din l-iskema sabiex issir is-soakaway inkluż il-funtana u dwal ikkuluriti u jiffinanzja id-differenza tal-ispejjeż.

SPI.SCI.07.2025 – Pjan t'Azzjoni u Rapport ta' Progress – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'. Il-Kunsill ħa nota tal-iskema pero' jixtieq jerġa jiddiskutiha aktar il-quddiem.

13.9.5 Email mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex tinforma lil Kunsill illi qed isir studju nazzjonali li qed isir fuq livell ta' dottorat intitolat Conceptualising social and cultural identity in Maltese and Gozitan towns and villages through popular and traditional sport : An ethnography. Il-Kunsill ħa nota tal-korrispondenza.

13.9.6 Email mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jinfurmaw lil Kunsilli bl-inizjattiva ta' exhibition miftuha għall-anzjani tal-lokalita' fil-Malta Maritime Museum minn Heritage Malta "Clean Oceans and Mapping our Seas – Request for Interest". Il-Kunsill ħa nota tal-korrispondenza.

13.9.7 Email mingħand ir-Reġjun Għawdex sabiex il-Kunsill jissuġġerixxi żewġ (2) Corp accounts sabiex ikunu jistgħu jużaw is-sistema il-ġdida tal-faulty streetlighting reports. Il-Kunsill ħa nota tal-korrispondenza u ser jipprovdi il-Corp accounts tal-impjegati. Il-Kunsill ħa nota tal-korrispondenza.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

13.9.8 Email mingħand BCRS sabiex il-Kunsill jaċċetta li jiġu installati 'new public Hubs' fi Triq il-Wileġ. Il-Kunsill ħa nota tal-korrispondenza u iddeċieda illi jitlob għall-ispejjeż u jerġa' jiddiskuti fuq l-istima. Bħala lokazzjoni intweriet interess jekk issir fiż-żona ta' Cordina.

13.9.9 Email mingħand is-Sur B sabiex jgħarraf lil Kunsill li kiteb ktieb ġdid 'When the siren wailed', u biex jara' il-Kunsill huwiex interessat li jixtri xi kotba. Il-Kunsill qabel li jixtri tlett kotba.

13.9.10 Email mingħand l-APS bank sabiex isaqsu jekk il-Kunsill huwiex interessat li jiddiskuti rati ta' interess differenti fuq id-deposit accounts. Il-Kunsill jixtieq ikun jaf aktar informazzjoni.

13.9.11 Email mingħand is-Sur T sabiex jinforma lil Kunsill illi sabiex is-Segretarju Eżekuttiv ikun jista' jaġdem il-payroll, hemm bżonn illi isir training illi jiswa' €50 excl. VAT fis-sigħa. Opzjoni B li offrew hija illi isir kuntratt mal-kumpanija tagħhom stress sabiex jaħdmu il-payroll huma. Il-Kunsill qabel li jagħzel opzjoni B.

13.9.12 Email mingħand Ebike Malta bi proposta li issir installazzjoni ta' Public Bike Racks fil-Qala. Jekk il-Kunsill huwa interessat, jixtiequ li tagħtuhom suġġerimenti. Il-Kunsill jixtieq aktar informazzjoni dwar din il-proposta.

13.9.13 Email mingħand is-Sinjuri D sabiex jissuġġerixxu beach lockers fil-Qala. Il-Kunsill aċċetta illi issir laqgħa mas-Sinjuri D sabiex jiġi diskuss il-post.

13.9.14 Ittra minn ABRA NC Group Ltd. Biex jinforma il-Kunsill bil-prodotti li ibiegħ li jikkonsistu f'office furniture. Il-Kunsill ħa nota tal-korrispondenza.

13.9.15 Ittri legali mingħand is-Sinjuri C u ir-risposti legali. Il-Kunsill ħa nota tal-korrispondenza.

13.9.16 Talba mingħand l-Arċipriet X għall għajnuna finanzjarja ta' €5,000 għall-attivita' ekumenika li tinvolvi persuni barranin u ta' reliġjonijiet oħra fl-okkażżjoni tal-festa titulari. Il-Kunsill jixtieq jiddiskuti aktar il-quddiem dwar din it-talba.

13.9.17 Talba mingħand is-Sinjura D sabiex jerġgħu jinżabħu l-*street markings* fil-pjazza tal-Qala. Hija qed titlob ukoll illi l-ispazju jiżdied b'żewġ (2) metri peress illi it-trakkijiet kummerċjali qed jikkawżaw traffiku fiż-żona. Dan ix-xogħol diġà sar.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

13.9.18 Suġġeriment illi il-momentos tal-Karnival jingħataw lit-tfal li inkitbu għall-kompetizzjoni peress illi hemm 7 momentos u inkitbu 7 t-itfal. Il-Kunsill qabel.

13.9.19 Talba mingħand is-Sur F sabiex isiru 'double yellow lines' fi Triq Papa Piju XII, oppost id-driveway. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

13.9.20 Talba mingħand is-Sur C sabiex isiru 'double yellow lines' quddiem l-entratura ta' Ġulju Court Apartments fi Triq Ġulju, kantuniera ma Triq Wied is-Simar peress li ma jkunux jistgħu jidħlu jew joħorġu bi pram jew wheelchair minħabba li il-karozzi jipparkjaw qrib wisq tal-entratura. Il-Kunsill qabel.

13.9.21 Ittra mingħand is-Sur M sabiex jinforma lil Kunsill illi terza persuna ma issibx problema sabiex isiru '*double yellow lines'* faċċata tal-garage tiegħu fi Trejqa tal-Ħatar. Il-Kunsill ha nota ta' din il-korrispondenza.

13.9.22 Talba mingħand is-Sur F sabiex isiru 'double yellow lines' oppost id-dar tiegħu. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

13.9.23 Talba mingħand is-Surġent tal-Lokalita' sabiex isir pole bit-tabella ta' *Disabled parking* fi Triq taċ-Ċawl. Mingħajr din it-tabella, ċitazzjonijiet għall-min jipparkja bla permess ma ikunux jistgħu jingħataw. Il-Kunsill iddiskuta u iddeċieda illi ma għandiex issir it-tabella. Anzi tajje illi titneħħa id-*Disabeld parking bay* minn dak il-post.

13.9.24 Notifika ta' Infurzar tal-*Planning Authority* ta' Avviż Skond Art. 97 tal-Att VII tal-2016 Dwar l-Ippjanar u Żvilupp. Ta' Pipi, Triq Anton Buttigieg, Qala. Il-Kunsill ħa nota tal-korrispondenza.

13.9.25 Ittra mingħand *Eko-Skola Team tal-Bishop Conservatory* fejn qed jipproponu illi jitħawlu aktar siġar u pjanti biex ngħinu lin-naħal, kif ukoll isiru xi funtani f'postijiet pubbliċi. Il-Kunsill ħa nota tal-korrispondenza.

13.9.26 Ittra mingħand il-*Majorette Team* sabiex jiddiskuti il-possibilita' li jużaw spazju fil-Qala għall-training sessions tagħhom ta' xi sagħtejn darba fil-ġimgħa. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta'.

13.9.27 Talba mingħand is-Sur S, sabiex jitwaħħlu bollards fil-Ġnien tal-Belvedere biex ma jidħlux quad bikes fil-ġnien. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta'.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

13.9.28 Talba sabiex il-kors tal-pilates ikompli. Il-Kunsill qabel li dan ikompli

13.9.29 Talba sabiex isir kors tal-beginners fil-computers. Il-Kunsil qabel li isir dan il-kors

13.9.30 Talba sabiex il-Kunsill iġib tlett kwotazzjonijiet għall-żewġ bozoz li jixgħelu bit-timer. Il-Kunsill qabel illi iġib il-kwotazzjonijiet u jintagħċel l-orħos xogħol

13.9.31 Talba sabiex il-Kunsill iġib tlett kwotazzjonijiet għall-żewġ mirja għal-latrini. Il-Kunsill qabel illi jinġgħabu il-kwotazzjonijiet u jintagħżel l-orħos xogħol

13.9.32 Talba sabiex il-Kunsill iġib is-suġġerimenti u permessi meħtieġa mill-Kummissarju tad-Data Protection minħabba il-cameras fiż-żoni pubbliċi tal-latrina. Il-Kunsill qabel

13.9.33 Talba lil CWSF sabiex iqabbdu aktar ħaddiema mal-Kunsill tal-Qala. Il-Kunsill qabel illi l-ewwel tintgħalab l-għajnuna tal-CWSF, umbad wara jekk ma jkollhomx nies, jiġu ingaġġati in-nies biex isir ix-xogħol ta' tindif u sewqan tal-van tal-komunita'.

13.9.34 Talba sabiex il-ħarġa ta' Marzu issir f'post kulturali. Il-Kunsill qabel li issir.

13.9.35 Suġġeriment illi issir ħarġa għall-Malta fil-vaganzi tal-Għid. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment.

13.9.36 Talba sabiex jerġa' jinħareġ it-tender tar-roundabouts.

13.9.37 Suġġeriment illi jinxtraw tlett kotba li jismu 'When the Siren wails', peress li issemmiet il-Qala. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

13.9.38 Talba sabiex il-Kunsill jalloka €65,000 fil-budget, bħal ma kien hemm fil-budget preċedenti allokat għall-proġett taż-żona tal-Kunċizzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.9.39 Talba sabiex joħroġ it-tender għall-proġett taż-żona tal-Kunċizzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.9.40 Talba sabiex isir aktar tindif fil-belvedere ta' Triq iż-Żewwieqa, kif ukoll isiru xi bollards. Il-Kunsill qabel.

13.9.41 Talba sabiex il-bozoz ta' Gnien il-Familja jinxtraw ta' kwalita' aħjar wara diskussjoni mal-electrician. Il-Kunsill qabel.

13.9.42 Talba sabiex tinżebagħ l-stop sign fi Triq Indipendenza kantuniera ma Triq Papa Piju. Il-Kunsill qabel.

13.9.43 Talba sabiex isiru żewġ tabelli ta' stop sign fi Triq Indipendenza kantuniera ma Triq Papa Piju. Il-Kunsill qabel.

13.9.44 Talba sabiex isir patching fi Triq L-Indipendenza. Il-Kunsill qabel.

13.9.45 Talba sabiex tinbidel il-bandla tat-toddlers fil-playing field peress illi hija perikoluża. Il-Kunsill qabel.

13.9.46 Talba sabiex isiru bollards fejn Patri Guzepp Portelli peress li huma maqlugħa. Il-Kunsill qabel u importanti li jitwaħħlu fissi sewwa.

13.9.47 Talba rigward it-tender ta' Triq il-Wardija li diġa' huwa awarded sabiex ix-xogħol jitlesta sal-festa jew inkella jaħdmu ix-xogħol wara il-festa. Il-Kunsill qabel.

13.9.48 Talba sabiex issir zebra crossing sign fi Triq 28 t'April. Il-Kunsill qabel. Ix-xogħol isir wara jiġi diskuss mal-Perit.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

13.9.49 Sar suġġeriment sabiex darba oħra isir avviż fuq il-mezzi soċjali illi il-Karnival ġie ikkanċellat. Il-Kunsill ħa nota ta' dan is-suġġeriment.

13.9.50 Talba sabiex jitħawlu pjanti tal-lavander fil-Belvedere ta' Triq iż-Żewwiqa peress illi huma sbieħ u apparti li jifilħu għat-temp ta' Malta huma tajbin kontra l-insetti. Il-Kunsill qabel.

13.9.51 Talba sabiex issir mera fi Triq San Franġisk mal-ħajt tal-iskola. Il-Kunsill qabel.

13.9.52 Ilment sabiex jitkomplew il-bankini ta' Triq 28 t'April. Il-Kunsill ħa nota.

## 13.10 Materji oħra

13.10.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rendikont dettaljat tal-ispejjeż imħallsa sad-data tal-laqgħa bil-*petty cash*. Il-Kunsilliera approvaw dan ir-rendikont.

13.10.2 Ġiet mgħoddija l-iskeda tal-pagamenti numru *02/2025*.

## 13.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

13.11.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-7:00pm. Peress li hemm is-sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv, id-data tal-laqgħa tħalliet pendenti. Dawn il-Minuti ġew ippreparati mid-Deputat Aġent Segretarju Eżekuttiv Manolita Manicaro.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Paul Buttigieg<br>Sindku | Manolita Manicaro<br>Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv |



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt